

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-28 ta' Ġunju 2019 — Changmao Biochemical Engineering vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-741/16) ⁽¹⁾

(“Dumping — Importazzjonijiet ta’ aspartam li joriġinaw miċ-Ċina — Rifiut li jingħata trattament ta’ ekonomija tas-suq — Impożizzjoni ta’ dazju antidumping definitiv — Artikolu 2(7)(b) u (c) it-tieni inċiż, tar-Regolament (UE) 2016/1036 — Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament 2016/1036 — Artikolu 2(10) tar-Regolament 2016/1036 — Artikolu 3(2) u (6) tar-Regolament 2016/1036 — Artikolu 6(7) tar-Regolament 2016/1036 — Nuqqas ta’ konformità tad-dokumenti tal-kontijiet — Nuqqas ta’ osservanza tal-istandards ta’ kontabbiltà internazzjonali — Użu tad-data tal-industrija tal-Unjoni — Taħba għall-aġġustament — Oneru tal-prova — Dritt tad-difiża — Prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba — Aspettattivi leġittimi”)

(2019/C 295/22)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Changmao Biochemical Engineering Co. Ltd (Changzhou, iċ-Ċina) (rappreżentanti: R. Antonini, E. Monard u B. Maniatis, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-F. Brakeland, T. Maxian Rusche u N. Kuplewatzky, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-kovenuta: Hyet Sweet (Gravelines, Franzja) (rappreżentanti: T. Müller-Ibold, F.-C. Laprévote u S. Branca, avukati)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tar-Regolament ta’ Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1247 tat-28 ta’ Lulju 2016 li jimponi dazju antidumping definitiv u li jiġib definitivament id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-aspartam li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU 2016, L 204, p. 92).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Changmao Biochemical Engineering Co. Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 462, 12.12.2016.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-11 ta’ Lulju 2019 — BP vs FRA

(Kawża T-838/16) ⁽¹⁾

(“Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Aċċess għal dokumenti — Rifiut parżjali ta’ aċċess — Ksur suffiċċjentement serju ta’ dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi — Regolamenti (KE) Nro 1049/2001 u 45/2001 — Protezzjoni tad-data personali — Danni morali — Rabta kawżali”)

(2019/C 295/23)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: BP (rappreżentant: E. Lazar, avukat)